# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar L-Erbgha, 26 ta' Gunju 2002.**

**Numru**

**Citaz. Nru 1674/98 DS**

Concrete Products Limited
vs
Penza Constructions Limited kif ukoll Carmelo u Rita konjugi Penza, flimkien u solidalment bejniethom

Illum, 26 ta' Gunju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Awissu 1998 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi bis-sahha ta' skrittura privata tas-17 ta' Ottubru 1996 hawn anness Dok. A l-konvenuti kkostitwew ruhhom debituri lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' (Lm 11,500) hdac il-elf u hames mitt lira Maltin, u

Illi ghadu dovut l-ammont ta' (Lm9330.61,4) disat elef tlett mija u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu u erba' millezmi li jinkludi l-imghaxijiet

ikkalkolati sal-10 ta' Awissu 1998 wara li saru xi pagamenti skond prospett hawn anness u mmarkat Dokument "B", u

Illi l-ahhar pagament sar fil-1 ta' Settembru 1997 u ghalhekk kif jirrisulta mill-fuq imsemmija skrittura tas-17 ta' Ottubru 1996 (Dok. A) il-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu.

talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-istess konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu lilhom akkordat skond l-imsemmija skrittura (Dok. A) kif intqal fuq;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u solidament bejniethom is-somma ta' (Lm9330.61,4) disat elef tlett mija u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu u erba' millezmi, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra Ufficjali tat-30 ta' Lulju 1996, u dawk tal-Mandat ta' Qbid u l-Mandat ta' Sekwestru prrezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet ulterjuri mill-10 ta' Awissu 1998 kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li baqghu kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Anthony E. Guillaumier, id-dokumenti esibiti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi li tressqu jirrizulta li permezz ta' skrittura privata datata 17 ta' Ottubru 1996 (Dok. A a fol. 5 u 6), is-socjeta` konvenuta kienet ikkostitwiet ruhha debitrici lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' hdax-il elf u hames mitt liri Maltin (Lm11,500). Fuq l-istess skrittura, il-konvenuti konjugi Penza ggarantew il-pagament tas-somma msemmija solidalment mas-socjeta` konvenuta.

Skond id-dikjarazzjoni guramentata ta' Anthony E. Guillaumier, meta giet intavolata c-citazzjoni kienet ghadha dovuta s-somma ta' Lm9330.61,4, u dan skond il-prospett Dok. B (a fol. 7).

Mill-istess skrittura jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kellha thallas lura s-somma intiera permezz ta' pagamenti mensili ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) il-wiehed, b'dan li kemm-il darba s-socjeta` konvenuta tonqos milli thallas pagament wiehed jew ammont ekwivalenti ghal pagament wiehed, hija

tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu koncess permezz ta' l-istess skrittura. In effetti mill-prospett esebit Dok. B jirrizulta li l-ahhar pagament gie effettwat fl-1 ta' Settembru 1997 filwaqt li c-citazzjoni gietipprezentata ftit inqas minn sena wara. Mill-istess prospett jirrizulta ukoll li l-istess socjeta` konvenuta makenitx regolari fil-pagamenti taghha, per ezempju, f'Marzu, April, Mejju, Gunju u Awissu tas-sena 1997 ma ghamlet l-ebda pagament. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu lilhom koncess skond l-istess skrittura.

Dwar is-somma bilancjali dovuta, permezz ta' nota tat-18 ta' Marzu 2002 is-socjeta` attrici rriduciet it-talba attrici ghal Lm4041.14 u dan stante li saru diversi pagamenti fi-mori tal-kawza. Din is-somma giet kkonfermata minn Dr. Thomas Abela meta xehed fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2002. Ghalhekk, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, jirrizulta li l-konvenuti baqaghlhom ihallsu din is-somma ta' Lm4041.14 bl-imghax skond il-ligi mid-data msemmija fl-istess nota, u cioe` mid-29 ta' Frar 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu lilhom akkordat skond l-imsemmija skrittura tas-17 ta' Ottubru 1996 (Dok. A), u
(2) tiikkundannahom ihallsu flimkien u solidalment bejniethom is-somma kif ridotta ta' erbat elef u wiehed u erbghin liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm4041.14) bl-imghaxijiet relattivi skond il-ligi mid-29 ta' Frar 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**